**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Gunju, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 752/2012 AF**

**Andrew Vella**

**vs**

**Stephanie Grech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Andrew Vella, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fit-30 ta' Dicembru 2005 miet Michael Vella, missier il-kontendenti, certifikat tal-mewt anness u mmarkat bhala Dokument A.

Bis-sahha tal-ahhar testment tieghu in atti Nutar Dottor Victor John Bisazza tad-9 ta' Jannar, 2003, l-istess Michael Vella, missier il-kontendenti kif inghad, istitwixxa bhala eredi unika

tieghu lill-konvenuta Stephanie Grech “salv id-dritt ghall-legittima spettanti skond il-ligi”, kif jghid it-tieni artikolu tat-testment citat, spettanti lir-rikorrent u lill-wild l-ohra tad-defunt li jisimha Josette d’Alessandro. It-testment relattiv qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument B.

Il-konvenuta Stephanie Grech giet imsejjha biex tersaq ghall-iskop illi jigi likwidat u mhallas lir-rikorrent il-valur tas-sehem riservat lilu dovut skond il-ligi, kif ikkontemplat fil-ligi vigenti, izda hi baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ukoll ir-rikorrenti hallas l-ispejjez tal-funeral tad-defunt missieru Michael Vella, liema spejjez ma gewx lilu rifuzi mill-kovenuta bhala l-eredi universali ta’ Michael Vella.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-assi ereditarji ta’ Michael Vella, missier il-kontendenti, illi miet fit-30 ta’ Dicembru 2005, u l-ispejjez tal-funeral tad-defunt Michael Vella li thallsu mir-rikorrent.

2. Tillikwida l-valur tas-sehem rizervat skond il-ligi in rigward tal-imsemmija eredità illi jispetta lir-rikorrent, u

3. Tordna illi l-valur li jigi hekk likwidat ghas-sehem riservat spettanti lir-rikorrent kif gie spjegat jigi mhallas lill-istess rikorrent mill-konvenuta Stephanie Grech, kif ukoll tordna illi l-ispejjez tal-funeral ta’ Michael Vella li thallsu mir-rikorrent jigu rifuzi lilu mill-konvenuta, u tikkundanna lill-konvenuta illi thallas dawn l-ammonti lill-attur.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju intavolat dwar din il-kawza, oltre l-imghax legali dekoribbli b’effett mid-data tal-notifika ta’ dan ir-rikors mahluf, kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Stephanie Grech, li permezz tagħha eċċepiet illi:

L-attur m'ghandu jithallas xejn mill-eccipjenti, peress illi fiz-zmien il-ftuh tas-successjoni tad-*decuius* Michael Vella, id-djun gravanti l-eredità kienu jissuperaw l-assi.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, is-sehem riservat spettanti lill-attur ghandu jigi kalkolat fuq il-valur tal-assi fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni tad-*decuius* Michael Vella, wara li jitnaqqsu d-djun ezistenti fl-istess zmien.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, mis-sehem riservat spettanti lill-attur ghandhom jitnaqqsu l-beni kollha kollazzjonabbli akkwistati mill-attur minghand it-testatur matul hajtu, a tenur tal-Artikolu 620(4) tal-Kodici Civili.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2012, il-Qorti ordnat illi din il-kawża timxi flimkien mal-kawża 706/2011 fl-ismijiet **Josette D'Alessandro vs Stephanie Grech** b'dan illi kull prova miġjuba f'dik il-kawża tkun tgħodd għal din il-kawża u vice versa.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob l-assenjazzjoni favur tiegħu tas-sehem riservat dovut lilu mill-wirt ta' missieru Michael Vella. Mill-provi prodotti jirriżulta li Michael Vella, missier il-kontendenti, miet fit-30 ta' Diċembru 2005. Permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar John Bisazza tad-9 ta' Jannar 2003, huwa istitwixxa bħala eredi unika lil bintu l-konvenuta, salv id-dritt għal-leġittima spettanti skont il-liġi lill-uliedu l-oħra, l-attur u oħtu Josette D'Alessandro, l-attriċi fil-kawża 706/2011.

Il-ligi tagħna taqsam il-ġid tad-defunt f'żewg partijiet: dik il-parti li hija disponibbli u l-parti l-oħra li mhijiex. Il-parti mhux

disponibbli, is-sehem riservat, tiġi matematikament kalkolata abbażi tal-artikolu 616 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal żmien twil, il-liġi kienet tqis is-sehem riservat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (*quota bonorum*) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (*hereditatis portio*) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għall-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt. (Ara **Debono vs Licari et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1954, Kollez. Vol. XXXVIII.ii.620). Il-leġittimarju jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riservat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decujus. (Ara **Farrugia noe et vs Mintoff noe et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Gunju 1949, Kollez. Vol. XXXIII.i.472).

Minn dan kien isegwi li idealment il-leġittima kellha tingħata in-natura, jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew ikunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalità minn iżjed minn dak li taghtih il-liġi.

Minħabba l-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att XVIII ta' 2004, sar tibdil radikali fir-rigward tal-leġittima, li issa tissejjaħ porzjoni riservata, fis-sens li d-dritt hu kreditu tal-valur tal-porzjon riservat fil-konfront tal-eredità. B'hekk, tneħħa l-kunċett tas-sehem tal-beni tal-mejjet.

Fil-każ odjern ma jidhirx illi d-defunt eċċeda l-parti disponibbli bid-disposizzjoni ta' xi legat. Lanqas ma kien hemm donazzjonijiet li saru mit-testatur matul ħajtu li jkollhom jiżdiedu mal-assi eżistenti fil-mument tal-mewt.

Peress illi l-ulied tad-defunt kienu tlieta, is-sehem riservat huwa terz tal-assi. L-attur imissu terz minn dan it-terz. A tenur tal-

artikolu 620(2) tal-Kap. 16, is-sehem riservat jiġi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funeral.

Wara li daħal fis-seħħ l-Att XV tal-2012, l-artikolu 615 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

> *"(1) Is-sehem rizervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa' haj.*
>
> *(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Mghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem rizervat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn:*
>
> *Izda l-Qorti tista', fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139".*

Qabel daħlu fis-seħħ dawn l-emendi, ma kienx hemm il-proviso għas-subinċiż (2) li hemm illum. Għalhekk, fid-data tal-mewt ta' Michael Vella, il-proviso ma kienx jagħmel parti mil-liġi tagħna iżda l-liġi laħqet ġiet emendata sakemm ġie preżentat ir-rikors ġuramentat.

Il-konvenuta teċċepixxi li m'għandha tħallas xejn peress illi fil-waqt tal-ftuħ tas-suċċessjoni d-djun kienu jissuperaw l-assi. Teċċepixxi wkoll illi s-sehem riservat għandu jinħadem fuq il-valur tal-assi fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral kif jipprovdi l-artikolu 620(2) kif ukoll illi mis-sehem riservat spettanti lill-attur għandhom jitnaqqsu l-beni li d-defunt kien tah b'donazzjoni matul ħajtu a tenur tal-artikolu 620(4).

Mhux kontestat illi l-ġid tad-defunt kien jikkonsisti fis-segwenti:

**Immobbli**

1. 255, Midland Guesthouse, Triq Sant' Ursola, Valletta. Din inbiegħet għall-prezz ta' €704,053 permezz ta' kuntratt pubbliku tat-22 ta' Ottubru 2008. Id-dikjarazzjoni *causa mortis* saret fuq l-istess att;

2. Il-fond 29, Triq Xandru, Bormla. Skont il-perit tekniku, dan il-fond kien jiswa €42,000 fl-2005 u €56,000 fl-2018.

**Mobbli:**

Depożiti mal-bank HSBC Bank Malta plc fl-ammont komplessiv ta' Lm5,266.97, illum €12,268.74.

Mill-atti jirriżulta li wara l-mewt ta' Michael Vella tħallsu s-segwenti djun:

1. €349,406 li tħallsu lill-Bank of Valletta plc mir-rikavat tal-bejgħ ta' Midland Guesthouse, għas-saldu tal-kreditu li kien dovut lill-imsemmi bank minn Michael Vella flimkien mal-kumpannija Jamms Limited skont is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-17 ta' Jannar 2001. Permezz ta' din id-deċiżjoni l-bank ġie kanonizzat kreditur ta' Michael Vella u Jamms Limited fis-somma ta' €492,349 oltre l-imgħax. Madanakollu, il-bank aċċetta s-somma ta' €349,406 *'in total sodisfazzjon tal-kreditu fuq imsemmi'* u ddikjara li m'għadx għandu aktar pretensjonijiet kontra l-eredità tal-imsemmi Michael Vella jew kontra Stephanie Grech bħala l-unika eredi tiegħu. Jidher li l-bank wasal għall-kompromess mal-konvenuta u ħafer parti mid-dejn kif intqal;

2. €51,829.39 li wkoll tħallsu lill-HSBC Bank Malta plc mir-rikavat tal-bejgħ ta' Midland Guesthouse.

Kif diġà ntqal, il-konvenuta tinsisti li meta jkun qiegħed isir l-eżerċizzju illi permezz tiegħu jkun stabbilit il-patrimonju tad-decujus, il-valuri li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni huma dawk

tal-assi tad-decujus fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni. Din il-Qorti ma taqbilx.

Il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar 2005 fil-kawża fl-ismijiet Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et, fejn kien trattat propju dan il-punt. L-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Frar 2004 qalet hekk:

> *"Illi l-ligi tqis il-legittima bhala parti mill-gid tal-mejjet u mhux sehem mill-wirt tieghu (hereditatis portio) u ghalhekk il-legittimarju m'huwiex semplici kreditur tal-wirt u lanqas ma huwa mistenni li jaghmel tajjeb ghad-djun tieghu (ghalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt ihallu effett fuq is-siden tal-legittima li l-legittimarju jkollu jircievi). Il-legittimarju, ghalhekk, ma jitlifx il-jedd ghal-legittima jekk kemm-il darba jirrinunzja ghall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt. Il-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar (jew accetta li jkun) werriet.*
>
> *Illi jsegwi li l-legittima trid tinghata in natura, jigifieri tkun maghmula minn kull haga mill-gid tal-mejjet li jew tkun ghadha taghmel parti mill-assi tieghu mal-mewt, jew tkun iddahhlet idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul hajtu iddispona b'liberalità minn izjed minn dak li taghtih il-ligi. Il-legittima tinhadem fuq il-wirt kollu (maghdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul hajtu wkoll bi hsieb ta' zwieg), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral u dak il-gid kollazzjonabbli li l-legittimarju ikun ha minghand it-testatur, u tinghata fi proprjetà shiha mehlusa minn kull piz jew kondizzjoni."*

Il-Qorti għamlet riferenza għas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru 1973 fil-kawża Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi et (mhux pubblikata), u kompliet tgħid hekk:

> *"F'dik is-sentenza jidher li ngharfu zewg sitwazzjonijiet partikolari f'kaz fejn il-legittima ntalbet: l-ewwel kaz kien jikkontempla l-aljenazzjoni mill-werrieta ta' bicca mill-gid tal-wirt wara l-ftuh tieghu (u waqt li kien ghaddej is-smigh tal-kawza), filwaqt li fit-tieni kaz kien jikkontempla s-*

*sitwazzjoni fejn il-gid li minnu kellha tittiehed il-legittima baqa' kollu f'idejn il-werrieta. Fl-ewwel ipotezi, il-kriterju kellu jkun li l-valur tal-gid hekk trasferit kellu jkun dak taz-zmien meta sejra tigi likwidata l-kwota legittimarja bis-sentenza. Fil-kaz tat-tieni ipotezi, il-valur tal-gid kellu jkun dak fi zmien li nfetah il-wirt, u b'mod izjed preciz: "li, ghal finijiet ta' l-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni.*

*Illi jidher li ghal din ir-regola hemm eccezzjoni fil-kaz fejn il-gid li jkun imiss lil-legittimarju jitgharraq ghal raguni jew kawza fortuwita jew minhabba force majeure li ghaliha l-werriet ma jkunx jahti jew fejn il-werriet ma jkunx jahti ghad-dewmien biex il-legittimarju jitqieghed fil-pussess tal-gid li jmissu bhala legittima. F'dawn il-kazi, hemm il-fehma li l-legittima ghandha titqies fuq kemm ikun sa jiswa dak il-gid fil-kundizzjoni li jkun gie ridott, salv kull jedd li l-legittimarju jiehu sehem minn xi kumpens li jista' jithallas dwar il-hsara mgarrba minn dak il-gid. Issa fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum, ma jidhirx li tirrizulta xi wahda minn dawn iz-zewg cirkostanzi mhux tas-soltu li jwasslu biex titwarrab l-applikazzjoni tar-regola hawn fuq imsemmija."*

L-atturi appellaw minn din id-deċiżjoni. Fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Jannar 2005, il-Qorti tal-Appell irrilevat li l-Ewwel Qorti ma kienitx tat interpretazzjoni korretta tal-liġi u tal-ġurisprudenza fil-materja. Minflok, għamlet tagħha dak li sostnew l-atturi billi ċċitat verbatim dak li sostnew fir-rikors tal-appell tagħhom:

*"Illi bir-rispett kollu l-ewwel Onorabbli Qorti iffraintendiet il-posizzjoni kif deciza fis-sentenzi precedenti u cioè fil-kawza "Emilia Maria Mifsud vs Eleonora Mizzi" u "Concetta Vella vs*

*Giuseppe Bugeja" decizi mill-Qorti ta' l-Appell rispettivement fl-14 u 10 ta' Dicembru 1973; Fil-fatt fil-komputazzjoni tal-legittima hemm zewg stadji, l-ewwel wiehed huwa biex jigi determinat kienx hemm lesjoni tal-porzjoni tal-legittima dovuta lill-legittimarju u t-tieni wiehed fil-likwidazzjoni ta' dik il-legittima billi jigi estrapolat dak li ghandu jinghata lill-legittimarju in sodisfazzjon tad-dritt tieghu. Din id-distinzjoni tirrizulta car minn dak li rritjenew il-Qrati fil-precitati sentenzi u cioè li ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjoni legittima, u ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius, wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni. Mill-banda l-ohra s-sentenzi jirritjenu li meta l-legittima ma tigiex sodisfatta u trattandosi ta` beni in natura id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatoria rei" ghandha tkun riferita ghall-zmien tal-konverzjoni, u cioè fi zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjarji."*

Il-Qorti tal-Appell iċċitat is-segwenti bran mill-imsemmi każ ta' Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi et:

*"Kif inghad f'dik is-sentenza, kwantu ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjon legittima, li hi l-materja involuta anki f'dan l-appell, il-Qorti tahseb li m'ghandux ikun hemm kwistjoni, in bazi ghall-principji (ara in partikolari art. 684 Kodici Civili) li ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputu li hi r-rijunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikorstruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anki biex talvolta – dik li tidher kwistjoni centrali f'dan il-kaz – tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni."*

Kompliet il-Qorti hekk:

*"Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur ta' l-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l'"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni, cioè z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja."*

Il-Qorti tal-Appell fl-imsemmi każ ta' Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et, imbagħad, ikkummentat hekk:

*"Kien biss f'dan is-sens li din il-Qorti bis-sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru, 1973 kienet bidlet id-decizjoni tal-Qorti ta' Prim Istanza inkwantu f'dik is-sentenza kien gie dikjarat biss "li l-istima tal-beni formanti parti mill-porzjoni spettanti lill-attrici bhala legittima, ghandu jsir skond il-valur taghhom fis-suq tal-lum, u mhux dak prevalenti fl-epoka ta' l-apertura tas-successjoni." Mentri wara li l-din il-Qorti, kif dakinhar komposta, ghamlet distinzjoni kif hawn fuq riportata, bejn meta ghandhom jigu utilizzati l-valuri prevalenti fid-data ta' l-apertura tas-successjoni, u meta ghandhom japplikaw l-valuri prevalenti fid-data tas-sentenza, ipprovdiet fuq l-appell billi qalet hekk:*

*"tiddikjara li l-valutazzjonijiet mehtiega ghandhom isiru ghab-bazi ta' u in konformità mall-principji enuncjati aktar il-fuq f'din is-sentenza u f'dan is-sens tbiddel is-sentenza appellata u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi."*

Il-Qorti tal-Appell għalhekk bagħtet lura l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex *'tigi likwidata l-legittima spettanti lill-atturi fuq valutazzjoni tas-sehem ta' Emanuele Ellul mill-assi ereditarji ta' missieru Emanuele fi zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjarja.'*

Hekk ukoll, fil-każ fl-ismijiet Dr Chris Said noe vs Mary Abela, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 2010, ingħad li jekk

jirriżulta li l-leġittima ma tistax tiġi sodisfatta u allura tikkonverti ruħha fi dritt ta' kreditu ta' flus, il-valuri li jridu jittieħdu sabiex tinħadem il-leġittima għandhom ikunu dawk l-iktar vicin tas-sentenza.

Fuq l-iskorta ta' din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell, din il-Qorti sejra tiċħad l-argument tal-konvenuta u tadotta l-valuri tal-proprjetà immobbli fl-2008 (Midland Guesthouse) u fl-2018 (29, Triq Xandru, Bormla).

Għal kull buon fini, qiegħed jiġi rilevat illi mill-atti jirriżulta li l-proprjetà Midland Guesthouse reġgħet inbiegħet għall-prezz ta' €1,100,000 fid-9 ta' Awwissu 2012. Madanakollu, stante li ma tressqux provi dwar jekk din il-proprjetà kienitx fl-istess stat li nxtrat fl-2008 jew jekk sarx xi titjieb mis-sidien, għall-finijiet ta' din il-kawża l-Qorti sejra tadotta l-valur li kellha meta nbiegħet fl-2008.

Il-konvenuta qiegħda tippretendi li mhuwiex dovut xejn lill-attriċi stante li d-djun kienu jissuperaw l-assi. Dan għaliex hija targumenta li l-kalkolu għandu jsir fuq id-djun li kien hemm mal-ftuħ tas-suċċessjoni u mhux kemm attwalment ħallset bħala l-unika eredi tad-decujus u li għalhekk għall-finijiet ta' komputazzjoni tas-sehem riservat għandha titqies is-somma ta' €492,349 minflok €349,406 għal dak li għandu x'jaqsam mad-dejn li kellu d-defunt ma' Bank of Valletta plc kif ukoll is-somma ta' €71,424.74 riklamata mis-soċjetà Automated Management Revenue Systems Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa 'ARMS Limited'). Jirriżulta li fir-rigward tad-dejn li kellu d-defunt mal-ARMS Limited, l-imsemmija soċjetà proċediet kontra l-konvenuta fil-kapaċità tagħha ta' l-unika eredi tiegħu iżda permezz ta' lodo arbitrali tal-4 ta' Diċembru 2018 ġie deċiż illi kwalsiasi ammont riklamat mis-soċjetà ARMS Limited huwa preskritt a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Minn din id-deċiżjoni ma ġiex intavolat appell.

Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Il-liġi tqis is-sehem riservat bħala jedd, fis-sura ta' kreditu tal-valur tas-sehem, fuq il-beni tal-mejjet, riservat mill-liġi favur l-ulied tal-mejjet. Minn dan isegwi li s-sehem riservat irid jiġi kalkolat fuq il-valur ta' dawn il-beni wara li jiġu mnaqqsa d-djun li attwalment tħallsu,

u m'għandux jiġi meqjus id-dejn li kien hemm meta miet it-testatur li la tħallas mill-eredi u lanqas ser jitħallas għaliex m'għadux dovut.

Żewġ il-konvenuta xehed illi kien hemm dejn mal-Kummissarju tat-Taxxi kif ukoll attrezzi relatati max-xogħol tad-defunt li allegatament kien ħadhom l-attur. Jispetta lil min jallega, li jipprova dak sostnut. Fil-każ tal-lum il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova dwar dan id-dejn u lanqas li l-attur kien ħa xi mobbli tad-defunt u allura l-Qorti mhijiex ser tqishom għall-finijiet ta' komputazzjoni tas-sehem riservat. L-istess jingħad dwar l-ispejjeż tal-funeral peress illi l-konvenuta ma ġabet l-ebda prova dwar dawn.

Il-beni tad-defunt għalhekk għandhom valur ta' €772,321.74. Minn dawn iridu jitnaqqsu d-djun li jammontaw għas-somma ta' €401,235.39. Peress li d-defunt kellu tlett ulied, f'dan il-każ is-sehem riservat huwa terz tal-beni. Għalhekk l-attur għandu jirċievi 1/6 tal-valur tal-beni u ċioè €41,231.82 mingħand il-konvenuta *qua* l-unika eredi ta' Michael Vella.

Minkejja li abbażi tal-istat tad-dritt fiż-żmien tal-presentata tar-rikors ġuramentat, il-Qorti għandha diskrezzjoni li tiddeċiedi li tnaqqas ir-rata ta' imgħax jew tordna li ma jitħallasx imgħax, fil-kaz tal-lum il-Qorti ssib li mhuwiex il-lok li tuża din id-diskrezzjoni u allura imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija għandu jiddekorri fuq is-somma likwidata.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Michael Vella fis-somma ta' tlett mija wieħed u sebgħin elf u sitta u tmenin Ewro u ħamsa u tletin centeżmu (€371, 086.35) wara li minnhom tnaqqsu d-djun;

2. Tillikwida l-valur tas-sehem riservat li jispetta lill-attur fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf mitejn wieħed u tletin Ewro u tnejn u tmenin centeżmu (€41,231.82);

3. Tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta’ wieħed u erbgħin elf mitejn wieħed u tletin Ewro u tnejn u tmenin centeżmu (€41,231.82) bl-imgħax bir-rata ta’ tmienja fil-mija mit-13 ta’ Settembru 2012 u ċioè mid-data meta ġie notifikat ir-rikors ġuramentat a tenur tal-artikolu 615 tal-Kap. 16.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG